MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 513/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezrin Grixti)**

**Vs**

**Ludvic Bugeja**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ludvic Bugeja , ta’ 22 sena bint John u Lilian nee Sultana imwieled l-Pieta’ fid-9 ta’ Ġunju 1979 u residenti 86 Old Bakery Street Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 277079 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fl-14 t’April 2002 u xahar qabel, ġewwa l-Belt Valletta u fi bandi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti

(a) Kellu fil-pussess tieghuu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

(b) Kif ukoll talli fl-istes data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstacy u Dalmaine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 (1) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40 (A) u 120 (A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-każ inklużi ż-żewġ ordnijiet tal-Avukat Ġenerali (fol 7 u 8), l-istqarrija tal-imputat (fol 2), il-fedina penali tal-imputat (fol 6), iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 2770 tas-ena 1979, id-dikjarazzjoni tad-difiża a fol 9 id-deċiżjoni tal-Qorti dwar dan il-punt li fihom stabbiliet li ma kienx hemm bażi għala tastjeni (fol 16 et), il-proċess-verbal 'Xhieda ta' Mary Anne Zerafa redatt mill-Maġistrat

Dr Antonio Mizzi redatt fid-9 t'Ottubru 2002, il-proċess-verbal 'Sejba ta' droga fil-fond numru 64, Flat 21, West Street, Valletta fl-14 t'April 2002, id-digriet li bih il-Qorti ddeċidiet li x-xhieda fil-kawża ta' Monique Borg kienu jgħoddu wkoll għall-kawżi 'Il-Pulizija versus Katia Chisari' u ''Il-Pulizija versus Ludwig Bugeja' u li jinġieb il-proċess originali fl-isem 'Il-Pulizija versus Mary Anne Zerafa' deċiża fit-30 ta' Novembru 2004 (fol 30).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Li fl-istqarrija tiegħu l-imputat għażel li ma jiffirmax l-istess stqarrija. Huwa qal li kien jorqod għand Monqiue Borg ta' 63/4 West Street Valletta. Huwa kien ilu jorqod hemm sena u nofs u lil Maryanen Zerafa kien jafha. Huwa nnega li huwa qatt daħal għand Maryanne Zerqafa. Katia Chisari wkoll ġieli raqdet għand Monique Borg. Huwa qatt ma kien ra lil Katia, lil Rita u lil Monique telgħin fil-flat ta' Maryanne Zerafa. Lil Monique Borg qatt ma kien raha b'xi droga. Huwa kellha ċavetta biex jidħol għand Monique Borg. Huwa qal li safejn kien jaf hu Maryanne Zerafa qatt am tat iċ-ċavetta tal-flat lil Monique Borg jew lil xi ħadd ieħor. Huwa ma għarafx l-affarijeit li nstabu għand Mryanne Zerafa.

Skond ma xehed l-Ispettur Nezrin Grixti fl-1 ta' Lulju 2003 (ara l-Proċess 'Il-Pulizija vs M'Anne Zerafa', il-Pulizija kienet għamlet tfittxija fl-appartament ta' Mary Anne Zerafa fejn sabu sustanza li hija allegatment droga gol-appartament tal-istess imputata Mary Anne Zerafa. Kienu nstabu 55 pillola ecstasy, 17-il borża trab abjad allegatament kokaina u 11-il pillola Dalmaine u flus fl-ammont Lm445 u affarijie t oħra. Mary Anne Zerafa kienet qalet li għalkemm dawn qed iżommhom għandha dawn kienu ta' ċertu Monique Borg u Ludwig Bugeja. Dawn l-

istess persuni kienu joqogħdu fl-istess block ta' appartamenti cioe fi flat 4.

L-Ispiżjar Mario Mifsud kien ikkonferma r-rapport tiegħu fejn qal li l-11-il kapsola ta' lewn isfar u oranġjo kienu Flurazepam lijaqgħu taħt it-Tielet Skeda Part B tal-Kap 31; li 47 pillola fid-dokument 04 AAZ 02 kellha is-sustanza MDMA u li s-17-il borża fid-dokument 04 AAZ 03 kien fih 4.040 grammi kokaina. (fol 31).

PS 602 Jonathan Attard kien xehed li kienu nstabu oġġetti relatati mad-droga fil-fond 62 Flat 29 Triq il-Punent Valletta. Huwa għaraf ir-rapport li kien ħejju hu. (fol 33).

PS 171 Karl Glanville ikkonferma r-relazzjoni tiegħu a fol 5 tal-proċess liema relazzjoni kienet saret konġuntivament ma' PS 602 Jonathan Attard. (fol 39).

Xehdet Maryanne Zerafa (fol 45) (30 t'April 2007) li qalet fejn ikkonfermat li l-Pulizija kienet sabet id-droga fl-appartament tagħha 63, Flat 21 West Street, Valletta fil-kamra tas-sodda f'April 2002. Dawn kienu nstabu ġo gwardarobba ġo basket tal-plastik. Hawn inqrathielha d-depożizzjoni li kienet għamlet quddiem il-Maġistrat tal-Għassa liema stqarrija hija kkonferamt bil-ġurament.

Minn din l-isqarrija jirriżulta li hija kienet qalet li d-droga li nstabet fl-appartament ma kenitx tagħha iżda ta' Monique Borg u Ludwig Bugeja li joqogħdu fl-istess block fil-flat numru 4. Fit-3 ta' wara nofs in-nhar Maryanne Zerafa kienet nieżla t-taraġ u ltaqgħet ma' Katia Chisari li f'idha kellha d-droga . Din qalet li kienet sejra tpoġġi d-droga fil-flat ta' Maryanne Zerafa għaliex il-Pulizija keinu arrestaw lil ċertu Raymond Borg. Katia kellha iċ-ċavetta tal-flat ta' Maryanne Zerafa għalkemm Zerafa kienet fdat iċ-ċavetta ma' Monique Borg. Katia kienet ħarġet bid-droga mill-istess flat ta' Monique Borg.

Din ma kenitx l-ewwel darba li tellgħu d-droga fil-flat tagħha għax il-biċċa kienet ilha sejra xi xahar. Is-soltu kien jitla Ludwig Bugeja. Ludwig Bugeja kien itella' sustanza eżatt bħal dik li sabu l-Pulizija. Ludvic Bugeja

kien inizzel id-droga mill-flat tagħha. Ġieli kin jaqbad u jidħol u Maryanne Zerafa tinzertah ġewwa. Ħafna drabi lanqas kien ikun njaf li hi kienet hemm. Hi kienet tippermetti li jtellgħu d-droga għandha għax il-Pulizija ma kellhom ebda suspett fiha.

Dan kollu Maryanne Zerafa kkonfermatu quddiem il-Maġistrat sedenti.

Hija għarfet lill-imputati fl-Awla bħala li kienu dawk in-nies li semmiet.

Maryanne Zerafa ttellgħet tixhed in kontro-eżami fis-16 ta’ Novembru 2009. Hija qalet li ma kellhiex problema tad-droga. (fol 69) u l-akkużati kienu ħbieb tagħha. Hawn reġgħet inqrathielha l-istess stqarrija li kienet inqrathielha qabel (fol 72). Hi qalet li kienet taf li kienu ta’ Ludwig għax ġieli kien tela’ għalihom għax kellu ċ-ċavetta tal-appartament tagħha. L-oħrajn qatt ma kienu telgħu. Hi ma kinitx rat x’kien fiha d-droga. Meta kien hem mil-Borża arrestat, kienu telgħu biex jerfgħu l-affarijiet. Diġa’ kien hemm l-affarijiet fuq il-gwardarobba qabel. Hija qalet li ma kenitx taf ta’ min kienet id-droga hekk hux ta’ Ludwig jew ta’ Monique. Apparti dawn it-tlieta min-nies ma kinux jidħlu nies oħra għandha. Iċ-ċavetta kient tatha lil wħada biss iżda me kenitx f’pożizzjoni li tgħid jekk saritx kopja oħra. Meta kient tkun fl-appartement dejjm lil Ludwig rat tiela’ biċ-ċavetta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Prosekuzzjoni qed issejjes dan il-każ fuq ix-xhieda ta’ Maryanne Zerafa. Id-difiża ssottomettiet li din ma kienx ta’ min joqgħod fuqha minħabba li kif kien xehed il-clinical psychologist ‘she can easily be led.’ (Ara sentenza tat-30 ta’ Novembru, 2004 fl-ismijeit ‘Il-Pulizija (Spettur Nezrin Grixti) versus Maryanne Zerafa).

Id-difiża, in sostenn ta’ dan il-punt, ippreżentat is-sentenza ‘Il-Pulizija vs Brian Fenech’ Appell Kirminali 255/2009 tas-26 ta’ Novembru 2009.

Il-Qorti l-ewwel eżaminat is-sentenza li kienet ippreżentata mid-difiża fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

‘L-aktar ħaġa li tifa’ dubju fuq il-ġenwinita’ tal-verżjoni ta’ omissis hija l-kondizzjoni psikika tagħha li t-tabib kuranti tagħha iddeskriva bħala behavioural disorders. Omissis keient ġiet rikoverata l-isptar minħabba kondizzjoni ta’ conduct and emotional disorder u dan jeffettwa s-social conduct tagħha.’ (fol 6).

Iżda fil-każ odjern m’għandna xejn minn dawn il-problemi. Fil-fatt il-clinical psychologist kein xehed li l-aħjar kompetenza tax-xhud Maryanne Zerafa kient f’dik li hi ‘shor term memory.’ (ara s-sentenza tat-30 ta’ Novembru 2004 paġina 3).

Il-fatt li x-xhud kien ‘easily be led’ ma jfissirx li ma tistax tixhed kif suppost. U jekk hi b’saħħithfa fix-short term memory, dan huwa asset għaliex ix-xhud Maryanne Zerafa għamlet stqarrija quddiem il-Pulziija fil-15 t’April 2002 fis-14.30 jiġifieri anqas minn 24 siegħa wara li sari r-raid tal-Pulizija. Hija wkoll kkonfermat l-istqarrija quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr.Antonio Mizzi fid-9 t’Ottubru 2002. Barra minn dan, dak li qalet kien ċar – ukoll fuq il-pedana tax-xhieda – u ma kienx hemm xi ġrajja komplikata.

Għalhekk il-Qorti mhix tilqa’ s-sottomissjoni tad-difiża dwar ix-xhud Maryanne Zerafa u qed tiddeċiedi li tista’ toqgħod fuq din ix-xhud li l-Qorti rat tixhed quddiemha.

Minn din ix-xhieda jirriżulta li l-imputata kienet tat iċ-ċavetta tal-appartement tagħha (jiġifieri l-appartament ta’ Maryanne Zerafa) lil **Monique Borg. Ix-xhud kienet iltaqgħet ma’ Katya Chisari bid-droga f’idha sejra tpoġġi d-droga fl-appartament tax-xhud. Din Katya Chisari kienet ħarġet mill-flat ta’ Monique Borg bid-droga u biċ-ċavetta.**

Din ma kinitx l-ewwel darba li kienu tellgħu d-droga fl-appartament tagħha. Is-soltu kienu jitla’ bihom Ludvig Bugeja li kien joqgħod ma’ Monique Borg. Imbagħad kien

iniżżel id-droga Ludwig Bugeja. Li dan kienet tarah fl-appartament tagħha għax kien jidħol u tinzertah ġewwa.

Ludwig kien qalilha li l-Pulizija ma kinux jafuha u ma kienx hemm biża' li jaqbdu lix-xhud. Dan id-diskors kein sar fil-preżenza ta' Monique Borg.

**Minn dan kollu jirriżulta li**

**(a) Monique Borg kellha ċ-ċavetta tal-appartament tax-xhud f'idejha.**

(b) Katya Chisari, li tellgħet id-droga fl-appartament ta' Maryanne Zerafa, kienet ħarġet mill-appartament ta' Monique Borg.

(ċ) Din id-droga kienet l-istess droga li sabu l-Pulizija għax sabuha fl-istess post fejn kienet tkun is-soltu u ma kienx hemm interval bejn meta tellgħet id-droga Katya Chisari u meta waslu l-Pulizija.

(d) Din id-droga Maryanne Zerafa għarfitha għax kienet bħas-sustanza li kienu ilhom itellgħu qabel għal xahar sħiħ.

(e) l-ammont ta' droga involut kien ta' 55 pillola ecstasy, 17-il borża kokaina (4.040 grammi) u 11-il kapsola ta' lewn isfar u oranġjo li kienu Flurazepam. (Ara xhieda forensika).

(f) l-imputat kellu l-kontroll ta' tali droga liema kontroll, skont il-Liġijiet dwar id-drogi, ma jfissirx u mhux ekwivalenti għal pussess fis-sens ċivili. Tant hu hekk li kellu aċċess liberu għall-appartament ta' Maryanne Zerafa li mhux l-ewwel darba li sabitu ġewwa l-flat tagħha. Barra dan Maryanne Zerafa għarfet lil Ludwig Bugeja bħal dak li kien itella' u jniżżel id-droga. Testwalment Maryanne Zerafa qalet hekk:

'Kien jidħol Ludvig Borg. Kien jitla' filgħaxija fil-biċċa l-kbira. Il-biċċa l-kbira jien ma kontx inkun hemm u ġieli kont inzertajtu. Darba minnhom kelli t-tfal u nzertawh

ukoll. Huwa kien jieħu l-affarijeit minn fuq il-gwardarobba u ġieli kien ipoġġi l-pilloli u l-coke. Katya kienet poġġiet id-droga fuq bil-kunsnes tagħha. U kien tela' xi ħad ieħor ħadd ieħor biex tefa' l-pilloli tal-irqad u l-boroż.'

Katya kellha l-pilloli u l-coke meta kienet tielgħa t-taraġ lejn l-appartament ta' Maryanne Zerafa. '

L-ammont ta' droga ecstasy misjuba u t-tqassim tal-kokaina f'pakketti ta' daqs, bejn wieħed u ieħor l-istess, jindika li d-droga ma kenitx intiża għall-użu personali.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni għaliex kien qed itella' u jniżżel id-droga regolarment hu waqt li kien qed joqgħod ma' Monique Borg li kellha aċċess għall-appartament ta' Maryanne Zerafa għax kellha ċ-ċavetta. Huwa saħansitra kien għamel ftehim ma' Maryanne Zerafa sabiex id-droga tinżamm fl-appartament ta' din tal-aħħar biex il-Pulizija ma jsibu xejn għaliex il-Pulizija lanqas biss kienu jafu biha.

Għalhekk il-Qorti qed issib lil Ludvig Bugeja ħati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101, ir-regolamenti 3(1) u 5(1) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 40, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 31, qed issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa ta' €2300. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' €100 kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.**

**Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti mhix tordna l-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti għaliex dawn tqabbdu matul inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.**

Jekk id-droga għadha ma ġietx distrutta war l-ordni li kient mogħtija fis-sentenza l-Pulizija versus Maryanne Zerafa, din għandha tinqered taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------